MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 139/2014

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha (7) ta’ Settembru, tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997), u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mit-tlettax (13) ta’ Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), u dana permezz ta’ kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Edward Flores LL.D., kopja ta’ liema kuntratt qeghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok MS1;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u wiehed (2001), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenut, stante rinunzja reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt, Dok MS1, fit-tieni parti tal-istess kuntratt;

Illi in oltre ma hemm lanqas manteniment dovut lil ulied stante li minn dan iz-zwieg ma kien hemm l-ebda ulied;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li in forza taghha eccepixxa:

Illi l-esponent gie notifikat bl-atti ta' dan ir-rikors, flimkien mal-avviz tas-smigh, u qieghed permezz tal-prezenti, juzufruwixxi ruhu mid-dritt tieghu li jirrispondi ghall-istess;

Illi l-esponent konvenut jirrileva illi huwa jaqbel mal-kontenut kollu tal-istess rikors;

Illi tenut kont ic-cirkostanzi, l-esponent qieghed ukoll jaqbel mat-talbiet hekk kif dedotti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' April, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Novembru, 2001;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------